MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 562/2008

**Maria Concetta Stivala, Giovanna Dolores Stivala u Giuseppa Dolores Stilvala**

**vs**

**Paul Mason u Melanie Iltschenko**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` l-atturi fejn dawn qalu illi:

1. L-esponenti huma proprjetarji ta` l-appartament bl-isem ta` Violet, Flat 2, 97, Triq is-Sajjied, Qawra.

2. In forza ta` skrittura datata 4 ta` Jannar, 2008 l-istess atturi krew l-imsemmi fond lill-konvenuti (Dokument A) b`dana illi skond paragrafu (s) ta` l-istess ftehim:- *“Should the lessee fail to pay the rent plus VAT within 2 weeks of*

*the due date, the Lessor will have the right to rescind without warning this agreement 'Ipso facto' (automatically) and this without prejudice to his/her claim for the payment which is still due"*.

3. Infatti l-ahhar pagament illi sar mill-konvenuti kien f`Marzu tas-sena 2008.

4. Ghalhekk il-kirja giet terminata *ipso facto* u ghalhekk il-konvenuti qed jokkupaw l-fond minghajr ebda titolu validu skond il-ligi.

5. Il-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta` l-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta).

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-appartament bl-isem ta` Violet, Fat 2, 97, Triq is-Sajjied, Qawra, liema appartament huwa proprjeta` ta` l-atturi u jinsab okkupat mill-istess konvenuti minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

B`riserva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, l-intimati baqghu ma deherux u ma pprezentaw ebda risposta.

Rat illi t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati a sodisfazzjon ta` din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------